MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' April, 2007

Numru. 553/2004

**Il-Pulizija**
**Supretendent Antonello Grech**
**v**

**DOTTOR ALFRED GRECH**

**Seduta ta' llum, 19 ta' April 2007**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DOTTOR ALFRED GRECH** bin Lawrence u Rita nee Grech, imwieled nhar t-tmintax ta' Jannar 1952 u residenti 'The Plough', Triq il-Wileg, San Lawrenz, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 5962G gie mressaq quddiemha akkuzzaat talli nhar l-erbatax ta' Lulju 2004, ghal habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija waqt li kien fi Triq Papa Gwanni Pawlu II, r-Rabat, Ghawdex,

1. b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvoluntarjament habit ma karozza bin-numru ta' registrazzjoni DBG 656 w ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Jacqueline Delicata minn B'Kara, Malta;

2. talli meta sehhet l-imsemmija kollizzjoni naqas li jieqaf bil-karozza tieghu numru ta' registrazzjoni CBE 334 u telaq minn fuq il-post tal-incident;

3. talli saq l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBE 334 minghajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

4. talli saq l-imsemmija vettura bil-licenzja tas-sewqan mhux imgedda ghas-sena kurrenti;

5. talli fl-istess data ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija, ingurja lil PS 1424 Mario Sciberras minn fuq il-mobile phone bin-numru 79823633, persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel, jew minhabba li kien ghamel dak s-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak s-servizz;

6. talli ghamel uzu hazin mill-apparat ta' telekommunikazzjonijiet u cioe mobile phone numru 79823633 billi uza l-istess apparat billi ingurja bi kliem lil PS 1424 Mario Sciberras.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija timpedixxi lil imputat milli jottjeni l-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu li jixhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u l-provi tad-difiza.

Semghet lil partjiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tmienja ta' Marzu 2007.

Ikkunsidrat:

Illil nhar s-sbatax ta’ Frar 2005, **xehed PS 1424 Mario Sciberras** fejn spjega li nhyar l-erbatax ta’ Lulju 2004, ghal habta tas-sitta ta’ filghaxija, Jacqueline Delicata flimkien ma John Muscat u ommha Maria Delicata, marru l-ghassa tal-pulizija r-Rabat jirrappurtaw li madwar xi nofs siegha qabel, waqt li Jacqueline Delicata kienet qed issuq il-vettura taghha tal-ghamla Tata Indica bin-numru ta’ registrazzjoni DBG 656 ta’ kulur ahmar, sejrin lejn Ta’ Pinu, gie ragel b’xaghru goff, liebes nuccali u jsuq karozza tal-ghamla Mazda 323F ta’ kulur griz bin-numru ta’ registrazzjoni CBE 334, qabizha u fil-process, laqatha fuq il-gemb taghha tal-lemin.  Allegat wkoll li laqtilha wkoll l-bieba, l-mera, il-*mudguard* u l-*bumper* ta’ quddiem u baqa sejjer.  Qaltlu li hija ghajjtet w ghafset il-*horn* izda dan nonostante huwa ghafas il-gass u baqa sejjer.

Huwa ghamel ricerka biex jara lil min tghajjat l- karozza tal-ghamla Mazda 323F ta’ kulur griz bin-numru ta’ registrazzjoni CBE 334 w irrizultalu li kienet tghajjat lil Valerie Therese Grech, li tigi mart l-imputat.  Spjega li ghalhekk, ghal habta tas-sitta w nofs neqsin hamsa ta’ filghaxija cempel lil imputat fuq il-mobile tieghu bin-numru 79823633 w infurmah bir-rapport u qallu biex imur l-ghassa bil-vettura tieghu.  Dan irrifjuta li jaghmel hekk w irrifjuta li jinfurmah fejn kienet l-vettura jew fejn qeghda.

Fil-fatt ix-xhud ex admissis jghid li l-imputat qallu dawn il-precizi kliem “Ara ma jfettillekx tigi u thabbatli l-bieb tad-dar ghax b’rasek idur.  Jien inrid norqod ghax jien uman ghax wara jien inrid immure l-ufficju”.  Huwa mbaghad beda jinsulentah u jghdlu ex admissis “Surgent tat-toqba ta’ s…..  Assassin.”

Nonostante dan l-incident hu mar ifittex il-vettura flimkien mal-kwerelanta u sabha ipparkjata wara l-bieb tad-dar tieghu, thares lejn il-pjazza ta’ San Lawrenz.  Huwa ezamina l-vettura w innota li fuq ix-xifer tal-bieba tax-xellug ta’ quddiem, kien hemm tracci ta’ zebgha tal-istess kulur tal-vettura li kienet qed issuq Jacqueline Delicata. L-

*indicator* ta’ quddiem tax-xellug kien imkisser, il-*bumper* fuq in-naha ta’ wara tax-xellug kien maqlugh minn postu u kien hemm ghafsa fuq il-*mudguard* tan-naha ta’ quddiem fuq ix-xellug. Huwa fil-fatt irrediga *sketch* tal-hsarat fuq l-vettura w okkorrenza w esibihom seduta stante.

Ikkonferma li fuq il-vettura tgal-ghamla Tata Indica bin-numru ta’ registrazzjoni DBG 656 misjuqa minn Jacqueline Delicata kien hemm hsarat fuq il-*bumper* ta’ quddiem, fuq il-bieba ta’ quddiem tan-naha tal-lemin, fuq il-*mudguard* ta’ quddiem, fuq il-mera tal-lemin, il-bieba ta’ wara tal-lemin u xi brix w ghafsiet tul n-naha tal-lemin tal-vettura. Kien hemm wkoll mesha ta’ zebgha griza fuq il-bieba tal-lemin ta’ quddiem.

Ix-xhud esibixxa wkoll tmien ritratti mehuda minn Jacqueline Delicata fil-presenza tieghu li gew immarkati minn ‘A’ sa ‘H’.

Illi nhar s-sbatax ta’ Frar 2005, **xehed rappresentant tal-Awtorita dwar t-Trasport, certu Saviour Farrugia** li qal li l-karozza tal-ghamla Mazda 323F ta’ kulur griz bin-numru ta’ registrazzjoni CBE 334 kienet tghajjat lil Valerie Therese Grech u l-imputat ghandu licenzja valida sat-tmintax ta’ Jannar 2002.

Illi nhar s-sbatax ta’ Frar 2005, **xehed rappresentant ta’ Sun Alliance Insurance certu Mark Camilleri** fejn ikkonferma li l-karozza tal-ghamla Mazda 323F bin-numru ta’ registrazzjoni CBE 334 ma kienetx koperta b’polza tas-sigurta fil-jum tal-incident u cioe l-erbatax ta’ Lulju 2004.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2006 **xehdet Jacqueline Delicata** w in kontr’ezami nhar l-ewwel ta’ Marzu 2007 fejn spjegat li nhar l-erbatax ta’ Lulju 2004, ghal habta tal-hamsa w kwart jew il-hamsa w nofs ta’ wara nofsinhar, hi kienet issuq il-vettura taghha u maghha kien hemm rekbin ommha Maria Delicata u l-habib taghha John Muscat u kienu sejrin fid-direzzjoni ta’ Ta Pinu. F’hin minnhom hasset daqqa gejja minn naha ta’ wara minn fuq vettura tal-ghamla Mazda 323 ta’ kulur griz skur bin-numru ta’ registrazzjoni CBE 334. hi gharfet lis-sewwieq ta’ din il-

vettura bhala l-imputat izda qalet li dak z-zmien kellu xaghru kbir u kien bin-nuccali. Spjegat li s-sewwieq kien baqa sejjer u hi baqghet sejra l-ghassa fejn sabet lil PS 1424 Mario Sciberras u wrietu d-daqqa li kellha wara li ghamlet r-rapport relattiv. Qalet li hadet ritratti tad-daqqa w ghaddiethom lil istess Surgent filwaqt li qaltlu li kien hemm l-kulur griz tal-vettura tal-imputat fuq il-vettura taghha. Ix-xhud esibit r-ritratti li gew immarkati bhala dokumenti minn ‘A’ sa ‘H’. Ix-xhud ikkonfermat li r-ritratti jindikaw l-vettura taghha. Meta giet murija ritratt dok ‘D’ ix-xhud qalet li dak hu ritratt tal-vettura li kienet dahlet f’taghha waqt li hi kienet sejra lejn Ta’ Pinu liema vettura kienet gejja minn naha tax-xellug tat-triq sejra fl-istess direzzjoni lejn Ta Pinu.

Ziedet tghid li wara l-habta, l-imputat kien cemplilha u qalilha li xtaq jirranga u jhallasha. Qalet li kien cemplilha minn fuq il-mobile numru 99471582 u anke minn fuq linja ohra numru 21555142. Qalet li anke cemplilha l-Avukat Dottor Ellis, l-avukat difensur tal-imputat, li wkoll kien ikkonfermalha li l-imputat kien lest li jhallasha ghal hsarat. Qalet li l-insurance taghha nfurmata li l-imputat ikkonferma maghhom li kien lest li jhallasaha ghalkemm hu ma kienx kopert b’polza ta’ licenzja. Qalet li l-vettura li kienet riekba dakinhar kienet tal-kiri.

Meta xehdet in kontr’ezami hi spjegat li l-imputat kien wkoll iffissa diversi laqghat mal-avukat taghha Dottor C. Grima sabiex jiltaqghu u jittransigu din il-pendenza pero l-imputat qatt ma mar ghal laqghat ghalkemm kien hu li jorganizzhom. Qalet li dahlet il-Belt, u hadet granet *leave* biex tmur ghal dawn l-laqghat ghal xejn. Ikkonfermat li l-imputat kien ghadu ma hallasiex ghad-danni li sofriet.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2006 w in kontr’ezami nhar l-ewwel ta’ Marzu 2007, **xehdet Maria Delicata** fejn qalet li nhar l-erbatax ta’ Lulju 2004 hi kienet Ghawdex riekba fil-vettura li kienet qed issuq bintha Jacqueline Delicata u kienu sejrin lejn l-knisja Ta’ Pinu. Spjegat li kif kienu ghaddejjin, kien gej ragel li wiccu ma ratux pero taf li kellu xaghru goffa u kien liebes nuccali, u dahal fihom, hadilhom il-gemb kollu u baqa sejjer. Qalet li l-vettura li

dahlet fihom kienet tal-ghamla Mazda griza skura. Ikkonfermat li dak li dahal fihom kien jixbah hafna lil imputat li presenti fl-awla.

Illi nhar l-ghaxra ta' Jannar 2006 **xehed John Muscat** w in kontr'ezami nhar l-ewwel ta' Marzu 2007 fejn qal li hu kien riekeb fil-vettura ta' Jacqueline Delicata meta kienu Ghawdex sejrin lejn Ta' Pinu, meta dahlet fihom vettura ta' kulur griz misjuqa minn ragel b'xaghru goffa u liebes nuccali, li identifikah bhala l-imputat presenti fl-awla. Qal li wara l-habta l-imputat baqa sejjer.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2007 **xehed in difesa Dottor Joseph Ellul** fejn qal li verament kien cempel lil Jacqueline Delicata fuq struzzjonijiet moghtija lilu mill-klijent tieghu l-imputat sabiex jipprova jwassal l-partijiet fi ftehim, izda qal, li Jacqueline Delicata ma kienetx qed tikkopera mieghu ghaliex kienet ostili hafna. Qal li ma kienx jaf bil-laqghat li kien organizza l-imputat ma Dottor Grima l-avukat difensur ta' Jacqueline Delicata.

Rat wkoll s-sentenza preliminari fl-ismijiet premessi moghtija nhar l-ghoxrin ta' Lulju 2006 u dik aktar recenti nhar t-tmienja ta' Marzu 2007.

Illi **l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri** kif kellu kull dritt jaghmel pero b'hekk ma kkonestatx dak li ntqal fil-konfront tieghu mid-diversi xhieda.

Ikkunsidrat ulterjorment :

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubbju, li kien l-imputat li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Mazda 323 ta' kulur griz skur bin-numru ta' registrazzjoni CBE 334 nhar l-erbatax ta' Lulju 2004 b'manjiera traskurata fi Triq Papa Gwanni Pawlu II, r-Rabat sejjer lejn Ta'Pinu ghal habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija u dahal fil-vettura ta' Jacqueline Delicata.

Illi ma hemmx dubbju li bhala rizultat ta' dan l-incident awtomobilistiku, Jacqueline Delicata sofriet diversi Danni fil-vettura li kienet qed issuq u cioe l-vettura tal-ghamla

Tata Indica bin-numru ta' registrazzjoni DBG 656 ta' kulur ahmar kif del resto stqarret hi kif wkoll PS 1424 Mario Sciberras.
Ma hemmx dubbju lanqas minn dak li xhedu r-rappresentanti tal-Insurance u tal-Awtorita dwar t-Trasport li l-imputat ma kellux licenzja tas-sewqan valida fil-jum tal-incident u li ma kienx kopert b'polza tas-sigurta.

Jirrizulta wkoll minn dak li qal PS 1424 Mario Sciberras li l-imputat ingurjah billi qalu l-kelma 'assassin' u kliem iehor mhux xieraq u dan waqt li qadi ta' dmirijietu.

Dwar s-sitt [6] akkuza, il-Qorti qed tillibera lil imputat billi l-fatt li tkellem hazin bniedem fuq telefon ma jammontax ghal uzu hazin ta' uzu tal-appartat tat-telekommunikazzjoni w ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax ippruvata.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 95(1) u 328 tal-Kap 9, l-artikolu 3(1) tal-Kap 104, l-artikolu 39(1)(d) tal-Kap 339 u l-artikoli 53 u 67 tal-Avviz Legali numru 12 tas-sena 1994 tiddikjara li ssib lil imputat DOTTOR ALFRED GRECH hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, salv u b'eccezzjoni tas-sitt [6] akkuza mill-liema akkuza qed tilliberah u tikkundannah ghal akkuzi li taghhom sabitu hati, ghal hlas ta' multa ta' elef u mitt [1100] lira maltin.**

**Oltre dan ai termini tal-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------